Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 46/2018

Il-Pulizija
(Spettur Sarah Magri)

Vs

Joseph Bartolo

Illum 12 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Bartolo detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 498650M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda f'diversi dati, ħinijiet ġewwa Xuereb Stables, Sqaq l-Istalel, Marsa, matul il-perjodu ta' bejn il-11 ta' Lulju, 2014 u s-snin jew xhur ta' qabel din id-data u f'ħinijiet differenti u b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond sitwit Xuereb Stables, Sqaq l-Istalel, Marsa:

1. B'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u kkommetta serq ta' dawl elettriku ikkwalifikat bil-ħin, mezz, lok, kif ukoll bil-valur li huwa ta'

tliet elef u ħamsa u tletin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Euro (€3,035.56c) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza volontarjament għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġuna t-telf tal-kurrent elettriku;

3. U aktar talli sar reċidiv taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(c) u 326(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u kkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati jhallas lill-parte leza s-somma ta' €140 rapprezentanti kumpens u danni sofferti mill-parte leza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Joseph Bartolo**, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Frar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi tirrevoka u thassar l-istess sentenza u ssib lill-appellanti mhux hati kif akkuzat; u fin-nuqqas u bla pregudizzju ghall-ewwel talba f'kaz li tinstab htija billi tibdel il-piena ghal wahda mhux karcerarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Bartolo huma s-segwenti u cioe`:-

1) Illi l-ewwel aggravju huwa konness mal-gbir tal-provi in sostenn tal-akkuza li nharget kontra l-akkuzat. L-akkuzat qed jilmenta li fil-kunsiderazzjoni u fil-gbir tal-provi kien hemm nuqqas kbir li wassal biex hemm ksur tal-artiklu 39(6)(b) u (d) tal-Kostituzzjoni fejn jintalab li l-akkuzat jinghata smigh xieraq biex jiddefendi ruhu.

Illi jinghad bir-rispett li ghall-akkuza li gabet il-prosekuzzjoni (il-pulizija) kien hemm nuqqas kbir fl-intervent li kellu jkun hemm mill-pulizija biex jingabru l-provi kontra l-akkuzat. Jekk wiehed isegwi l-andament tal-process malajr jinduna li l-pulizija kellha l-inqas intervent possibbli biex tara li jkollha f'idejha l-ahjar prova possibbli kontra l-akkuzat. Li gara kien li fuq il-post fejn saret l-ispezzjoni ntbaghtu zewg kuntistabbli li ma kienux hemm biex jigbru xi provi imma semplicement biex izommu l-ordni pubblika. Bhala fatt l-akkuzat minkejja d-drittijiet tieghu ta l-access lill-ufficjali tal-Enemalta biex dawn jikkonstataw dak li kien hemm fl-istalla.

Illi eventwalment l-esponenti gie akkuzat b'serq ta' 'elettriku' mis-sistema tal-Enemalta. Kien jehtieg allura li jingabru provi in sostenn ta' din l-akkuza. Il-mistoqsija allura hija, kif hu l-ahjar mod biex dan jigi ppruvat? Billi l-akkuza hija ta' serq, allura jehtieg li b'xi mod wiehed jasal ghall-valur tas-serqa. Allura kien id-dover tal-Pulizija li b'mod indipendenti mill-misruq, huma jgibu prova li dan is-serq li sar u sar sal-valur kif akkuzat l-esponenti. Minn dan kollu jinghad bir-rispett li l-ufficjali tal-pulizija ma ghamlu xejn. L-akkuza li nharget sena wara mill-Pulizija hija kollha mibnija fuq dak li ghamlu l-ufficjali tal-istess misruqa, l-Enemalta. Il-Pulizija jinghad bir-rispett ma ghamlet l-ebda investigazzjoni. Dana skont l-esponenti huwa difett kbir u ssuggetta lill-esponenti ghal smigh mhux xieraq fejn ma nghatax il-facilitajiet kollha biex jiddefendi ruhu sewwa.

Illi kif ser jinghad aktar 'l isfel, fil-kawza ngabu bhala prova dak li jghidu l-ufficjali tal-Enemalta dwar l-allegata serqa ta' kurrent. Huma jghidu li sabu l-kurrent fil-'fuse box' tal-Enemalta u jallegaw li minn dak il-kurrent kien jiehu l-akkuzat. Dana gie kkontestat mill-esponenti li dejjem sostna li hu kien wassal id-dawl fl-istalla b'*extension* minn stalla ohra fejn kellu l-kurrent u meter. Dwar dan ser jinghad aktar 'il quddiem.

Illi l-punt in difeza li qed jaghmel l-esponenti huwa li l-Pulizija li qed tmexxi l-prosekuzzjoni kellha d-dover li kontra tieghu ggib l-ahjar prova u mhux semplicement toqghod u tistrieh biss fuq dak li jghidu l-ufficjali tal-misruq Enemalta. Jikkontendi l-esponenti li hawn kien ikun opportun u kien id-dover tal-prosekuzzjoni li f'dan il-kaz jitqabbad '*electrical engineer*' biex huwa bhala espert

indipendenti jezamina x-xena tal-allegat delitt u jipprova jsib mezzi biex isostni l-allegat serq, jekk kien hemm, u jara kif jikkwantifikah. Minn dan ma sar xejn ghax il-prosekuzzjoni striehet, a dannu tal-akkuzat, biss fuq dak li jghidu tal-Enemalta u fuq il-kalkolu massimu li ghogbu jistma wiehed mill-ufficjali. Dan il-*modus operandi* mill-prosekuzzjoni huwa ta' pregudizzju kbir ghall-akkuzat u jilledi d-dritt tieghu ghal process u facilitajiet xierqa biex jiddefendi ruhu.

2) It-tieni aggravju huwa konness ma' dan l-ewwel billi l-esponenti jsostni illi l-provi li ngabu kontrih mhumiex sufficjenti biex jeliminaw kull dubju ragonevoli u jippruvaw il-htija kif migjuba kontra tieghu. Qed jinghad dan il-ghaliex l-esponenti fic-cirkostanzi li sab ruhu pprova jiddefendi ruhu bl-ahjar mod possibbli.

Illi l-esponenti dejjem cahad l-akkuza li huwa seraq xi kurrent tal-Enemalta. Il-kontenzjoni tieghu dejjem kienet li huwa kien iwassal il-kurrent fl-istalla fejn instabet il-'fuse box' tal-Enemalta fl-ixkora permezz ta' estensjoni bil-wire mill-istalla l-ohra fejn kellu l-'meter' tal-Enemalta. Minkejja li huwa jghid li dahhal lill-ufficjali tal-Enemalta fihom kollha, dawn ma jsemmu xejn dwar il-'wires' hergin mill-'meter' ufficjali u l-'wires' li jaslu sal-istalla inkriminata. Dwar dawn l-esponenti pprezenta xi ritratti li l-Magistrat ilmentat li dawn kienu ttiehdu fi zmien differenti mid-data tad-delitt. Bir-ragun qalet hekk. Imma l-prosekuzzjoni m'ghamlet l-ebda investigazzjoni dwar l-operat tal-akkuzat li fil-mument tal-ispezzjoni ma kellu l-ebda konsulent legali biex jiddiregih ghal smigh u facilitajiet xierqa fil-kawza kif kienet fid-dover li taghmel il-prosekuzzjoni.

Illi l-esponenti dejjem stqarr li mhux hati kif akkuzat. Hekk qed jissottometti f'dan l-appell. Di pui qed jasserixxi li lanqas il-provi li ngabu kontrih ma huma sufficjenti biex jippruvaw il-htija tieghu lil hemm minn kull dubju ragonevoli. L-esponenti qed jissottometti li m'hemmx prova li kien hemm konnessjoni bejn is-supply fil-'fuse box' fl-ixkora u s-sistema ta' tubi li kien hemm fl-istalla. Lanqas ma ngabet prova li l-magna tal-incanar prezenti fl-istalla kienet tahdem u thaddmet biex insteraq il-kurrent.

Illi t-tliet ufficjali tal-Enemalta in kontro-ezami ma qablux dwar dak li sabu fix-xena tad-delitt. Waqt li l-akkuzat baqa' jiftakar li meta ezaminaw dak li kien hemm fl-istalla rrizulta li kien hemm kurrent sal-'fuse box' fl-ixkora. Jiftakar u jaf li fil-'fuse box' fil-hajt ma kienx hemm kurrent u l-ufficjali tal-Enemalta ma xeghluhomx. Difatti meta mistoqsija dwar dawn min qal li xeghluhom u min qal li ma jiftakarx li xeghluhom. Dan huwa nuqqas gravi ghax jekk ma tippruvax li t-tubi kienu jixghelu kif se tipprova l-konsum. Ix-xhud, Robert Busuttil, hekk xehed, a fol 81/83 tal-process. Dan huwa mittiehed mix-xhieda li huwa ufficjal tal-Enemalta li l-prosekuzzjoni bbazat l-akkuza taghha kontra l-esponenti. Huwa essenzjali li dan jivverifika kienux jixghelu t-tubi ladarba hemm l-akkuza li kien hemm serq ta' kurrent.

Madanakollu lanqas ix-xhud John Vella ma jikkonferma li t-tubi xeghlu. A fol. 107 dana jghid li meta mar hu ma kienx hemm tubi jixghelu. Tant li a fol 108 jispicca jghid li jikkonferma li <u>sal-istalla kien hemm id-dawl</u>.

Illi hemm imbaghad il-kwistjoni tal-magna tal-incanar. Dwar din il-magna li jinghad li kienet tehtieg it-'three phase' fix-xhieda hawn tahwida nobis. Dan peress li dawn it-tliet ufficjali ma jaqblux bejniethom li fl-istalla kien hemm it-'three phase' u allura b'dan l-apparat li kieku kien jikkonsma hafna kurrent hemm dubju kemm l-akkuzat seta' seraq kurrent.

Illi x-xhud Joseph Giuliano fix-xhieda tieghu jidher li hu altru minn kompetenti. Huwa jiddikjara kategorikament:-

*"Litteralment f'dik il-magna ma setghetx tahdem, ufficjalment kif kienet prezenti dakinhar. Ir-raguni hi li l-magna trid it-tliet 'phases' biex tahdem, pero` ezistenti dakinhar li morna ahna kien hemm 'phase' nieqes. Allura l-magna ma kinitx f'kundizzjoni li taghfas il-buttuna u tista' tixghel."*

Dana jfisser illi l-apparat li bih suppost l-esponenti seraq il-maggor parti tad-dawl ma kienx f'kundizzjoni li jahdem u l-esponenti zgur li bih ma seraqx kurrent.

Illi ma rridux ninsew li l-akkuzat qed jinghad li seraq il-kurrent tal-Enemalta fl-ammont ta' €3,035.56. Difatti kien xehed Alan Chetcuti kif hadem il-kont biex

inharget din l-akkuza. Fil-kontro-ezami dan jixhed li huwa bena l-kunteggi tieghu fuq l-konsum li seta' sar ghal hames snin permezz tal-hames tubi u l-magna tal-incanar. Meta wiehed jipprova jifhem kif wasal ghal dawn ic-cifri ix-xhud, jidher li hemm diversi nuqqasijiet. A fol 97/18 tal-process jinghad minnu li s-serq kien biss ta' €2,710.55. Mas-somma mbaghad hemm mizjud xi spejjez u penali. Dana jfisser li kif inhu akkuzat l-esponenti ma rrizultax ghax l-ewwel nett il-magna ma hadmitx u lanqas ma hemm certezza '*beyond a reasonable doubt*' li t-tubi kienu qed jixghelu jew le. Fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet biss l-akkuzat, jinghad bir-rispett, kellu jigi liberat.

3) Illi t-tielet aggravju huwa dwar il-<u>piena</u> li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghogobha timponi fuq l-esponenti. Bla pregudizzju ghal dak li jinghad fuq, l-esponenti jhoss li anki li kieku huwa jinstab hati bil-mod kif akkuzat, dik il-piena ta' sentejn prigunerija mhix meritata u hija eccessiva.

Illi l-Onorabbli Qorti sabitu hati ta' recidiva. Jekk wiehed idur dawra mal-kondotta tal-akkuzat fl-atti tal-kawza johrog minnha li l-esponenti mhux persuna li wiehed jista' jigbidlu saqajh jew jaghmel li jrid bih. L-esponenti jirreagixxi jekk jigi ttantat jew imkasbar u dal-karattru dahhlu fl-inkwiet. Barra minn hekk, huwa jhobb l-annimali u jidher li dejjem kellu xi bhejjem x'jiehu hsieb u minhabba xi nuqqas jew iehor xellef difrejh mal-gustizzja. Ma jistax jinghad dan kollu minghajr ma jissemma l-kaz tas-16 ta' Dicembru 2008 meta kellu f'idejh arma tan-nar. Dan huwa l-kaz l-aktar serju.

Illi minkejja dan kollu, l-esponenti jhoss li m'hemmx xi provi konvincenti li hu xi kriminal inkallat li jisthoqqlu jbati piena twila ta' prigunerija, anke jekk jirrizulta xi htija minn dan il-process.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018 fejn l-istess partijeit talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

L-**ispettur Sarah Magri** xehdet nhar is-16 ta' Frar, 2016 u qalet li kienet attendiet ghal-laqgha li inzammet id-depot fejn l-allura spettur Daniel Zammit kien taha xi kazijiet fejn il-pulizija fis-sena 2014 kienu marru jghamlu xi spezzjoni ghal buon ordni flimkien mar-rappresentanti tal-Enemalta u dan biex jaraw jekk kienx hemm tbaghbis fil-meters jew inkella serq ta' elettriku. Fost il-kazijiet li gew mghoddija lilha kien hemm il-kaz odjern, Irrizultalha li kienet saret spezzjoni fil-11 ta' Lulju, 2014 fil-fond Xuereb Stables, l-Istallel il-Marsa minn certu Robert Busutttil u Joseph Guliano flimkien ma PS 162. Irrizultalha li hemmhekk sabu lil Joseph Bartolo u dawn allegatament raw li kien hemm wire tad-dawl ezattament mill-main li kien qed jiehu d-dawl. Hija ghalhekk kienet ghajtet lil dan Bartolo l-ufficcju taghha nhar it-13 ta' Jannar 2015 fejn kienet tatu d-drittijiet kollha u fil-fatt kien tkellem ma Dr Joe Brincat u ghazel li jwigeb id-domandi li sarulu fl-istqarrija li irrilaxja u kien sahansitra anke iffirmaha. Hija gharfet lil Bartolo bhala l-imputat illum appellant. Gharfet l-okkorenza esebita fl-atti a fol 11 et seq redatt minn PS 163. Ikkonfermat li ghall-ispezzjoni kien hemm ukoll PC 1596 u PC 1138. Ikkonfermat li l-istqarrija tal-apellant tinsab esebita fl-atti a fol 14 et seq. Esebiet document mahrug mill-Enemalta li gie markat bhala dok SM a fol 29 u cioe' l-kwerela mahruga mill-Enemalta sabiex il pulizija esekuttiva tieghu passi kontra l-appellant odjern.

Illi nhar il-21 ta' Gunju, 2016 (fol. 53) hija esbiet erbgha sentenzi li inghataw fil-konfront tal-appellant li gew markati bhala dok SM, SM1, SM2 u SM3 rispettivament.

**Robert Busuttil,** Senior Distribution Tradesman mal-Enemalta xehed nhar is-16 ta' Frar, 2016 u kkonferma li nhar il-11 ta' Lulju, 2014 kien ghamel spezzjoni fil-fond mgharuf bhala Xuereb Stables, sqaq l-Istallel il-Marsa flimkien ma kollega tieghu Joseph Guliano u maghhom kien hemm ukoll PC 1138 u PC 1596. Jghid li f'dawn l-istallel sab li kien hemm supply imqabbad ma service box minghajr meter tad-dawl go din l-istalla, ghalhekk il-konsum uzat minn fuq dan is-servizz ma kienx qed jigi registrat mill-meter ghax ma kienx hemm meter. Ikkonferma li l-pulizija ikunu prezenti biss ai fini tal-buon ordni. Maghhom kien hemm ukoll Joe Vella l-imghallem taghhom.

Muri l-inspection form esebita fl-atti u jghid li kien hu li mela l-formola bid-dettalji tal-konsumatur, bil-load li kien hemm imqabbad fl-istallel li sabu u dan ir-rapport gie iffirmat minnu u mill-kollegi tieghu. Ma dan ir-rapport miktub minu huwa pprezenta sebgha ritratti li ttiehdu mill-foreman Joe Vella u dawn gew markati bhala dok RB u RB1 et seq.

Spjega li dok RB qed juri l-hajt li mal-genb tieghu kien hemm iz-zewg service cables li kienu gejjin jiffeedjaw lil dawn ir-remissi. Dan ta' min jghid instabu zewg PVC 2 x 10 kkonnettjati mal-linji. Mistoqsi jindika fejn kienu dawn il-wires stqarr li ma jidhrux ghax kienu ghaddejjin minn taht ic-cint. Id-Dok RB1 jindika is-service box minghajr meter u maghha hemm is-supply li huwa dawk iz-zewg PVC cables 2 x 10 u l-hrug taghhom fir-ritratt jidhru wire ahmar u iehor iswd u iehor ahmar u iehor iswed u dawn qed jiffeedjaw l-installation.

Spjega li service box hija l-parti fejn normalment jidhol is-service cables tal-Enemalta. Dok RB 2 juri l-installation tal-istallel, id-distribution box tieghu u dok RB3 l-istess jerga' jiffoka fuq is-service box dik li ghadu kemm semma. Dok RB 4 hu ritrratt fuq is-service cable iffukat fuq is-service cable biex jindika x'tip ta' materjal kien hemm. Dok RB5 u RB 6 hemm il-connection li kien hemm mal-overhead lines fejn jidher l-arblu tal-Enemalta u s-service cable imqabbad bil-line ups mal-linji.

Mistoqsi ghalxiex kienu jintuzaw l-istallel jghid ghaz-zamma ta' zwiemel. Utilities li s-soltu jinstabu f'dar residenjzali ma kienx hemm.

Nhar il-25 ta' Lulju, 2017 xehed in kontro esami u mistoqsi jekk il-hames tubi li ra fl-istalla kienux mixghula jew le jghid li ma jiftakarx pero' kienu kkonnettjati mal-installation. Mistoqsi kif seta jghid li kien hemm current ghaddej fis-service box ighid li dan qalu ghaliex kien hemm it-tlett phases fil-box pero' ma ghamlux test bil-pilot lamp. Jghid pero' dakinhar gabu team bit-tower ladder sabiex inehhu l-kurrent u skonettja l-evidenza. Qal li ma setax jikkonferma li s-service box kienet qed tintuza pero' jaf li kienet '*energized*'. Pero' ikkonferma li dak li ra fil-post ma jafx jekk kienx jixghel jew le. Qal li l-main kien fl-istallel fejn kienu huma u l-wajers kienu sejrin lejn ir-remissa fejn kien hemm meter regolari. Kien l-akkuzat stess li hadhom f'din ir-

remissa biex jghamlu il-verifiki taghhom ta' fejn kien qed jiffedjaw dawn il-wajers. Kien hemm wajer gej u sejjer lejn ir-remissa. Ir-remissa kellha id-dawl regolari b'meter u ghalhekk ma giex indikat fir-rapport taghhom SM. Fil-fatt lanqas ghar referenza tal-load li kien hemm fir-remissa ma ghamlu accenn.

**Joseph Guliano**, Team Leader fl-Enemalta ikkonferma li kien ha sehem fi spezzjoni li saret fi stalla meta gie mibghut mill-imghallem tieghu. Ikkonferma li f'din l-istalla kienu sabu servizzi tal-Enemalta partikolarment kien hemm zewg wajers tal-Enemalta hajjin imqabbdin ma-sistema taghhom. X'hin dahlu sabu li kien hemm service box go xkora li qed taghti supply lil tlett stalel fil-post u stalla ohra fil-vicin. Kienet qed tiehu supply mis-service box li ma kienx qieghed jigi registrat bl-ebda arlogg tal-kumpanija.

Stqarr lis-servizz ma kienx wiehed regolari ghaliex is-soltu is-servizz ikun imwahhal mal-hajt u din id-darba biex ma jidhirx kien mohbi taht xkora. Qal li f'dan il-post kien hemm tlett stalel jiehdu il-konsum minn din is-service box u kien hemm remissa ohra fil-vicin tieghu bl-istess provvista.

Mistoqsi jispjega x'inhu id-dok SM ighid li dan id-dokument imlewh hu u l-kollga teighu Robert Busuttil fejn jiddiskrivi dak li jkunu sabu. Qal li r-rapport fil-parti ahharija bil-handwriting kitibha Robert Busuttil wara li jkunu iddiskutew il-kaz flimkien. Pero' r-rapport hu iffirmat minnu, minn Robert Busttil u minn John Vella.

Ikkonferma li fuq il-post kien hemm l-akkuzat. Mistoqsi jispjega ir-ritratti dok RB sa RB 6 jibda billi jghid li dok RB jindika t-triq fejn kien hemm ir-remissa fejn kien hemm is-servizz li ma kellux arlogg. Il-wajers kienu ghadejja mohbijin wara il-hajt ikklippjati li jigu go farm li kien hemm fil-vicin. Dok RB1 hija s-service box li kienet imdahla go xkora li kellha s-supply minn tal-Enemalta u kien hemm il-wires li qedin jiehdu d-dawl minn go din ir-remissa ghal din is-service box.

Mistoqsi jindika liema hu l-wire tal-Enemalta stqarr li l-wajers il-bojod huma s-servizz minn fejn gej id-dawl u l-wajers l-ohrajn huma ' fejn sejjer id-dawl. Dok RB2 huwa l-protection li kien hemm min naha tal-klijent li kien qed jiehu biex jispjega ahjar sejjahlu *circuit breaker* biex tipprotegi minn xi xokk, u tigi over loaded biex

tipprotegi l-fuses. Dok RB3 hija s-service box mill-vicin u din ilha ma ticcaqlaq zmien stante li kienet miksija bil-hmieg u ghalhekk dan ifisser li ilha ma titmiss minn xi hadd. RB 4 juri zewg wires li kienu zewg wires single phase ma kienx wajer shih ta' three phase u minn wajer wiehed ghadda il-live u neutral u minn l-iehor ghaddha zewg lives. Dan huwa proprjeta' mat-triq adjacenti mal-farm fejn kienu ghaddejjin il-wires gejjin mit-triq konnessi mal-arieal lines tal-Enemalta li kellu s-supply fuqhom.

In kontro ezami nhar il-25 ta' Lulju, 2017, kkonferma li waqt l-ispezzjoni sabu l-presenza tal-kurrent, sabu l-live jahdem u dan ivverifikawh permezz ta' strument, speci ta' biro li jixghel. Ikkonferma li sabu current hiereg mill-kaxxa li kienet fl-ixkora u cioe mis-service box u wara telghet fil-kaxxi tal-consumer. Spjega li Bartolo kellu three phase jigifieri ikollu tlett lives u neutral. Pero' wiehed mnn dawn il-lives ma kienx presenti u kien hemm xi hsara fid-dhul mill-arblu tas-service box. Qal li appena ressaq dan l-ispeci ta' biro lejn is-service box l-kurrent xeghel. Wara ittestjaw il-consumer unit u jghid ukoll kien hemm id-dawl prezenti. Ikkonferma li kien hemm il-magna tac-cana pero' din trid three phase biex tahdem u fuq il-post ma kienx hemm three lives u ghalhekk ma setghetx tintuza u tinhadem. Qal li kien hemm hames tubi u iccekjhom u kollha kienu jixghelu. Ikkonferma li l-wajer kien ghaddej minn taht l-art billi thaffer l-art u spicca gor-remissa u ghalekk dan fisser li d-dawl kien sejjer minn go stalla ghal ohra. F'din l-istalla kien hemm plakka fejn wiehed jista jipplakkja fan jew heater ghall-argument. Qal li bi plakka tiehu current u mhux taghti s-socket instab fl-istalla l-ohra jigifieri minn fejn kien qed jittiehed il-konsum F'din ir-remissa minn fejn kien qed jittiehdet l-kurrent kien hem meter. U l-arlogg kien qed jigi fed mill-istalla l-ohra li ma kellhiex meter. L-arlogg kien ufficcjali jiehu supply mill-Enemalta. Fit-tieqa ta' din ir-remissa fejn kien hemm l-arlogg regolari kien hemm plakka u minnha kien qed jittiehed il-kurrent. Jghid ukoll li ma setax jghid li kienu qed jiehdu il-kurrenti mir-remissa fejn kien hemm is-sistema illegali. Qal li kien hemm zewg stallel wahda regolari u l-ohra qed tiehu feed irregolari. Irregolari ghaliex ma jistax ikollok supply go remissa u tiffedja remissa ohra.

**John Vella**, Surveyor Co-oridinator mal-Enemalta xehed nhar is-16 ta' Frar, 2016 u kkonferma li fl-ispezzjoni li ghamel fl-istallel ta' Xuereb sab li kien hemm service minghajr meter. Ikkonferma li kien mar ma' Robert Busuttil u Joseph Guliano u stqarr li fuq il-post kien hemm Joseph Bartolo li gharaf fl-Awla u fuq ir-rapport taghhom kien hemm il-firma tieghu. Fuq il-post ra li kien hemm zewg wajers li huma ta' Enemalta identici bhas sevice cables tal-Enemalta li kienu single phase pero' peress li kienu tnejn f'daqqa fis-sistema kien hemm three phase, u fil-kamra kien hemm qisu xkora qed tghati s-service box normali u fejn suppost kien hemm meter ma kienx hemm wiehed u kien qed jiehu supply bid-dirett. Ikkonferma li id-dokument SM hu rapport li sar minn Robert Busuttil u iffirmat minnu ukoll. Dwar ir-ritratti jghid li dawn gew mehuda minnu. Dwar dok RB jghid li dan juri il-hajt fejn kien ikklijppjat il-cable, dok RB1 jindika is-service box li suppost hemm meter fuqu imma ma kienx hemm fl-istalla, dok RB2 jindika is-sistema normali tal-elettriku li ikun hemm fid-djar, dok RB3 hi s-service box li jindika il-connections minghajr il-meter, RB4 il-hajt fejn suppost hemm il-wire ikklijpjat, RB5 jindika il-clips u l-cable jindikaw fejn gew ikklipjati u RB6 jindika t-taqbida minn barra minn fejn kien imqabbad id-dawl.

In kontro ezami jghid li kien cert li kien hemm kurrent sal kaxxa pero' meta mar hu tubi jixghelu ma rax. Jghid li huwa mar f'xi hin filghodu u wasal fuq il-post xi nofs siegha jew tlett kwarti wara li waslu shabu. Lanqas il-magna ma ra mixghula

**Alan Chetcuti** xehed u spjega li kienet saret spezzjoni fl-istallel ta' Xuereb nhar il-11 ta' Luju, 2014 fejn instabet connection illecita li minnha allegatament l-istallel kienu qed jiehdu d-dawl u fihom ma kienx hemm meter ta' dawl. L-Enemalta ghamlet stima ghall-massimu li tista' tfittex ta' hames snin fejn hadu average ta' 9 units ta' dawl kuljum li kellhom jigu registrati fil-post a bazi ta l-appliances li kien hemm installati u l-ammont ta' konsum mhux registrat li qal li seta kien €2,710.55 f'kaz li jinkludi l-penali tal-Enemalta l-ammont irid jitla' ghal €3,582.15. Qal li huwa ghamel dawn il-kalkoli fuq prassi ghaliex f'dan il-kaz ma kienx hemm meter u allura ma kienx hemm units biex jahdem fuqhom. Qal li ma kienx hemm konsum li kien qed jigi registrat lanqas tad-dawl li kien qed jittihed. Qal li 9 units kuljum jammontaw

ghal €1.53 kuljum. Dan hu normali jekk ma jkunx hemm interruptions jigifieri li d-dawl jibqa' ghaddej u ma jinqatax. Ikkonferma li l-sitima li hareg kienet wahda arbitrarja ghall-ahhar la meter ma kienx hemm.

Stqarr li fuq il-post allegatament sabu li kien hemm hames bozoz ta' 40 watts, magna tac-cana biex forsi iqattghu l-injam ghac-cana ghaz-zwiemel u din hija tat-three phase u kien hemm indikazzjoni li kien hemm remissa faccata li ukoll kienet qed tiehu dawl minn din l-connection sabu l-wajers pero' dakinhar tal-ispezzjoni ma kienx hemm dawl fuqha, s-sitwazzjoni ta' dik ir-remissa kienet regolarizzata permezz ta' meter.

L-imputat **Joseph Bartolo** ghazel li jirrilaxja stqarija a tempo vergine tal-investigazzjoni u din tinsab fil-process a fol. 14. Dan stqarr li nhar l-14 ta' Lulju, 2014 kienu marru xi rappresentanti tal-Enemallta u ghamlu spezzjoni gewwa Xuereb Stables, Triq l-Istallel, Marsa. Dawn spezzjonaw l-arlogg tad-dawl li kellu fir-remissa tieghu u jghid li kellu extension minn arlogg tad-dawl iehor minn remissa ohra li tinsab madwar 40 metru 'l boghod mir-remissa tieghu. Dawn iz-zewg remissi qedin gewwa l-binja bl-isem Xuereb Stables. Ir-remissa l-ohra ukoll appartjeni lilu u go fiha hemm arlogg tad-dawl. Meta marru r-rapprezentanti kienu urihom kollox li kien hemm fiz-zewg remissi. Jghid li jaf li gibdullu xi ritratti tal-post. Spjega li min kien qed juza l-istalla qablu kien applika biex ikollu arlogg tad-dawl izda qatt ma inghata wiehed. Huwa gibed l-attenzjoni lir-rapprezentanti tal-Enemalta li huwa qatt ma ha dawl minn hemm u fil-fatt kurrent ma hemmx ghadej ghal gor-remissa. Tal-Enemalta kien ittestjaha fejn imbaghad qal li kien hemm current izda hu ma kienx jaf bih u fil-fatt ma kellu xejn imwahhal ma dan il-kurrent. Qal li r-remissa fejn ma kienx hemm arlogg tad-dawl kienet ilha ghandu ghal madwar ghaxar snin. Jghid li lil min kera ir-remissa ma tantx dam hemm peress li dawl ma kellux. Qal li ma tantx jghamel uzu minn din ir -remissa kemm jidhol jiehu xi affarijiet minn go fiha. Juzaha aktar bhala store biex iqieghed il-bhejjem go fiha. Jikkonfemra li qatt ma ha kurrent minn din ir-remisa u jghid li ma kienx ser jabbuza mid-dawl ghax ma jifhimx.

Illi nhar il-25 ta' Settembru, 2017 ghazel li jixhed b'mod volontarju viva voce. Qal li ghandu tlett stallel fi Xuereb Stables gewwa il-Marsa. Fir-remissa 63B ghandu arlogg

tad-dawl regolari u fil-fatt esebixxa xi kontijiet mahruga mill-Enemalta. Mistoqsi jekk ghandux dawl fl-istallel l-ohra jghid li juza l-extention. Jghid li jiehu id-dawl minn fejn ghandu l-arlogg kif jidher mid-dok JB. Esebixxa ritratt li juru l-plakek li juza fix-xitwa meta ikun id-dlam u wiehed minn dawm il-wajers imur fir-remissa. Huwa esebixxa ritratt iehor li juri l-frieghi hergin mill-plakka biex jiffeedja l-istalel. Mistoqsi ghaliex kien hemm connection u dawl ma kienx hemm jghid li kien kera l-istalla lil xi hadd u dan qalalu incident u ma baqax juza l-istalla u baqa' bla dawl. Fil-fatt jghid li dan l-inkwilin kien qallu li ghaddewlu id-dawl u kien ghad baqa' li iwahlulu l-meter. Qal li ken jaf li kellu hames tubi pero' ma kienux jixghelu kollha. Il -kurrenti kien jiehdu mil-arlogg tad-dawl li kien registrat.

Cahad li hu seraq xi kurrent t' eletriku ghaliex qal li minn dik il-plakka fejn diehel il-kurrent u ma hax dawl. Id-dawl kien jiehdu mill-extention tieghu biss. Qal li kien jaf li kien hemm *fuse box* pero' kurrent ma kienx hemm u d-dawl dejjem tellghaw mill-meter li kien registrat.

**Fabian Grima** prodott mill-akkuzat jghid nhar l-1 ta' Noembru, 2017 u dan ikkonfema li kien jaf lill-akkzuat ghaliex kien kera remissa minghandu gewwa l Marsa. Jghid li meta kriha dawl ma kellux. Stqarr li meta il-kirja giet terminata huwa irritorna ir-remsisa fl-istess kunduzjzoni li giet mghotija lilu.

Ikkunidrat,

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza lli ma jidhrux li huma in kontestazzjoni huma is-segwenti:-

1. Illi nhar il-11 ta Lulju 2014 Robert Busuttil, Joseph Guliano, John Vella bhal rapprezentanti tal-Enemalta flimkien ma PC 1138 u PC 1596 kienu marru jghamlu spezzjoni fil-pst mgharuf bhala 'Xuereb stbales' Triq l-Istallel Marsa u appuntu f'xi remissi prorpjeta tal-akkuat Joseph Bartolo.

2. Illi r-rappresentanti tal-Enemalta marru hemm sabiex jaraw jekk kienx hemm xi attivita' illegali kif gie rapportat lilhom waqt li l-ufficcjali tal-pulizija marru hemm biex izommu l-bon ordni.

3. Illi Joseph Bartolo kien prezenti ghall-ispezzjoni li saret.

4. Illi wara li nzammet l-ispezzjoni ir-rappresentnati tal-Enemalta partikolarment Robert Busuttil hejja rapport li gie markat bhal dok SM u f'dan ir-rapport tnizlu dawk l-oggetti li instabu fil-lok u li juzaw l-elettiku fosthom ighidu li kien hemm hames bozoz tal-40 watts u magna tac-cana.

5. Jidher li pero' ma kienx hemm three-phase installat fir-remissa fejn intabet il-magna tac-cana u ghalhekk din ma setghetx tintuza.

6. Rigward il-bozzoz hemm xhieda li jghidu illi dawn inxtghelu u ohrajn li ighidu li ma rawx dawl.

7. Gew esebiti numru ta' ritratti li jindikaw li kien hemm ghemil qarrieqi u cioe' installazzjoni illecita fir-remissa.

8. Jinghad li rrizulta li kien hemm cables simili ghal dawk uzati mill-Enemalta ikklipjati mal-hajt li kienu qed jiehdu s-servizz direttament mis-supply tal Enemalta.

9. Is-service box kienet mohbija go xkora li kienet mimlija trab u bil-clips immermrin li tindika li kienet ilha hemm[1].

10. Li l-elettriku kien gie mghoddi minn electrician tieghu u mhux mir-rappresentanti tal-Enemalta

11. Meter ma kienx hemm fit-tieni remissa izda biss applikazzjoni u t-twahhil ta cables illeciti.

12. Li hemm xhud li ighid li ghamel test bi speci ta biro[2] biex jara jekk kienx ghaddej kurrent fir-remissa fejn ma kienx hemm meter u xhud iehor li ighid li ma ghamlux test bil-pilot pump[3] biex jikkonfemaw jekk kienx hemm kurrent ghaddej fil-jum ta' l-ipezzjoni.

---

[1] Vide xhieda ta' Joseph Guliano fol 91.

[2] Xhieda ta Joseph Gukliano tas-25 ta Iuju 2015.

[3] Xhieda ta Robert Busuttil.

Huwa pero′ kontestat is-segwenti:-

1. Li l-appellant ghamel uzu mis-servizz ta′ elettriku li ma kienx registrat ghaliex fil-fehma tieghu l-connections kienu ma extention li kien hemm mal-meter li kien registrat f′ismu b′mod regolari f′remissa ohra.

2. Li l-prosekuzjoni ma pprovatx sal-grad rikejst mill-ligi li l-bozzoz u l-magna tac-cana qatt hadmu u hadu uzu ta′ servizz mhux registrat.

3. Li l-ammont ta′ serq likwidat minn Alan Chetcuti huwa skorett u mhux bazat fuq ebda dokumetnazzjoni izda hija biss stima arbitrarja li ma ssibx konfort fid-dawl tal-provi imresqa[4].

4. Illi l-magna tac-cana ma setghet qatt tintuza ghaleix three phase ma kienx hemm fl-sitalla fejn instabet u ghalhekk Alan Checuti qatt ma messu hadha in konsiderazjoni meta ghamel l-kalkoli tieghu dwar l-allegat serq ta′ kurrent elettriku.

Ikkunsidrat.

L-**Artikolu 264(2)** tal-Kodici Kriminali jesigi li l-ligi trid illi fil-kaz ta′ ksur jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghha jew ta′ xi sigilli ta′ xi meter, il-fatt li jkun **hemm mezzi qarrieqa[5]** li bihom **wiehed jista′ jkollu l-uzu jew il-konsum illegitimu ta′ dan il-kurrent elettriku[6]** jew li bihom jista′ jwaqqaf jew ibiddel mmarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata jitqies sakemm ma jigiex pprovat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu dawn il-kawzi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b′dan l-uzu jew konsum ta′ kurrent elettriku. Hu evidenti li dan is-sub-artikolu johloq presunzjoni ta′ juris tantum li ghandha tipprevati jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju[7].

---

[4] Xhieda ta Alan Chetcuti.

[5] Enfasi ta din l-Onorabli Qorti

[6] Enfasi ta din l-Onorabli Qorti

[7] Illi skond l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, hemm presunzjoni ta' dolo juris tantum li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat l-kuntrarju kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** deciza fid-tnejn ta' Settembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Raymond Abela</u>**[8], bhala "*presunzjoni feroci*" u kompliet tghid: "*La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett A il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar.*"

L-**artikolu 264(2) tal-Kap 9** jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew l-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew jibdel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku illecitu, sakemm ma jigix ppruvat l-kuntrarju. Ghalhekk f'dan it-tip ta' kazi, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqghax aktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq minn ikun akkuzat. Ir-rizultat ta' dan l-ispustar tal-prova ghal fuq akkuzat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid tasal minghajr sforzi ta' xejn.

Ikkunsidrat ulerjorment.

Dwar ir-rikros tal-appell tal-appellant jinghad in primis li l-ewwel aggravju tieghu hu centrat fis-sens li hu ma kellux smiegh xieraq u dan ghaliex l-puliizja kellha intervent mill-inqas dwar il-gbir tal provi. Dwar dan l-aggravju pero' din il-Qorti mhiex ser tidhol stante li ma jaqax fil-kompetenza taghha u jekk l-appellant ihoss li kellu xi dritt fundamentali tieghu li gie priv ghaliex isostni li ma inghatax il-faltajiet kollha li jiddefendi lilu innifsu, dan ghandu ifittex l-fora apposita sabiex jindirizza l-ilment tieghu.

Fit-tieni lok l-appellant isostni li l-prosekuzzjoni trid tressaq il-provi tghha biex tikkonferma l-akkuzi taghha pero' f'dan il-kaz ma ghamlet xejn salv lli kienet prezenti biss ai fini tal-buon ordni u mhux biex televa xi provi. L-appellant isostni li l-prosekuzjzoni f'dan ir-rigward naqset u dan ghaliex l-Enemalta hija parti interessata u ghalhekk kellha skopijiet ohra piuttost partiggjana u mhux li tghamel

---

[8] moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990

gustizzja u b'hekk tressq il-provi kemm favur kif ukoll kontra kif jispetta li taghmel il-prosekuzzjoni.

Dwar il-mertu u cioe' l-allegazzjoni ta' serq ta' kurrent elettriku da parte tal-appellant dan dejjem stqarr li ma kienx hati u li in effeteti huwa kien jiehu id-dawl permezz ta' extension minn go remissa li kien hemm fil-vicin proprjeta' tieghu fejn kien hemm meter registrat b'mod legitimu. Din il-Qorti pero' ma hiex konvinta minn din it tezi u dan ghaelix kif irrizut amill-atti kienhemm current ta elettriku sal fuse bok li kient mohbija fl-ixkora. Is-sistema li kient installata fir remissa u cioe bil-wjers ikklijatai u bil-fuse box mohbija taht xkora huma indizzji car li l-appelant kellu l-mezzi qarrieqi biex jiehu ilprovista tal-elettriku b'mod illecitu u minghajr ma jigi registrat.

Dwar l-akkuza tar-recidiva jirrizulta li in effetti kif jidher mid-dokument Sm esebit fl-atti a fol. 55 l-appellant kien intab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it 2 ta' Gunju, 2010 talli kiser xi provedimenti tal-kap 480 tal-Ligjiet ta' Malta u kien gie kkundannat ihallas multa ta sebgha mitt euro (€700). Issa skond l-artikolu 50 tal-Kap 9 ir-recidiva tigi provata jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-hati ikun ghamel reat iehor fi zmein hames snin minn meta ikun skonta il-piena. Fil-kaz odjern il-proskeuzzjoni ma resqet l-ebda prova li in effetti l-appellant kien hallas il-multa inflitta fuqu u ghalhekk ir-recidiva f'dan ir-rigward ma gietx pprovata. Daqstant iehor ghandu jinghad l-istess ragunament dwar is-sentenza li inghatat nhar il-21 ta' Jannar, 2011 (fol. 61) peress li prova li thallset l-ammenda ma ingabitx, kif ukoll ghas-sentenza li hemm esebita a fol. 62 fejn gie ikkundnnat ihallas multa ta' elf euro (€1,000) b'sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011. Dwar ir-raba' sentenza esebita a fol 65 Dok SM3 din ma tappliakx ai fini tar-recidiva ghaliex f'din is-sentenza l-appellant ma inghatax piena izda *conditional discharge* li mhiex piena. Ghalhekk l-appellant ma jistax jinsab hati talli hu recidiv ai fini tal-artikolu 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tal-aritkolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena pero' l-Qorti rat il-fedina penali updated tal-appelalnt esebita fl-atti a fol. 178 et seq u jirrizulta li fiha numru ta' reati u kontravenzjonijiet registati fuqha

uhud minnhom registrati anke waqt il-mori ta' din l-istess kawza u ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturba il-piena infitta mill-ewwel Qorti pero' peress li mhiex qed issibu hati talli hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta, kuntrarjament ghas-sejbien ta' htija ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, din il-Qorti tirrileva li skond l-artikoli 28A(7)(b) huwa biss f'kaz ta' recidiva taht l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Qorti hija sprovvista milli tapplika is-sentenza sospiza.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u it-tieni akkuza pero' tiddikjara li qed issibu hati talli hu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u mhux 50 tal-Kodici Kriminali kif misjub mill-ewwel Qorti u ghalhekk qed tilliberah mill-akkzua ta' recidiva ai termini tal-artikolu 50 u qeda kosnegwentment timmodifika l-piena inflitta billi qed tikkundannah ghall-istess perijodu ta' prigunerija ta' sentejn pero' qeda tordna li dan il-perijdou ta' sentejn prigunerija ikun sospiz ghall-perijodu ta' erbgha snin m' illum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur